# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Illum, 12 ta' Settembru, 2023**

**Rik. Nru. 1542/23JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1542/23 fl-ismijiet:

Wayne Joseph **CAMILLERI** u Kimberlene Camilleri

vs

Mark Anthony **MANICOLO** u Sylvienne Montebello

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Awwissu, 2023, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli "jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-propjetà *ossia* dar 33, Mediterranea, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk inkluż il-garaxx bin-numru uffiċjali 40, u dan in vista tal-kawża numru 291/2023 fl-ismijiet premessi li ġiet intavolata fl-għoxrin (20) ta' Marzu tal-elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u li

permezz tagħha l-esponenti talbu lill-Qorti sabiex tordna lill-intimati jersqu għall-publikazzjoni tal-att finali tal-propjetà surreferita";

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Awwissu, 2023[1], li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-6 ta' Settembru, 2023;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-21 ta' Awwissu, 2023, li biha laqgħu għat-talba billi, għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li t-talba ma jmisshiex tintlaqa' għaliex din hija ripetizzjoni ta' talba oħra magħmula bl-istess mod mir-rikorrenti f'Ġunju ta' din is-sena stess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għall-istess raġuni u liema talba ma kinitx intlaqgħet. Qalu li, għall-finijiet tal-artikolu 836(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex it-talba għall-Mandat tista' tintlaqa', ir-rikorrenti jridu juru li nqalgħu ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid. Jisħqu li ma kien hemm l-ebda bdil minn dakinhar li l-Qorti ċaħdet l-ewwel talba tar-rikorrenti. Talbu biex il-Qorti, minbarra li tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, tikkundanna lir-rikorrenti jħallsuhom penali talli t-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret b'ħażen, b'mod fieragħ u biss biex idejjaqhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta' Settembru, 2023;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Settembru, 2023[2], li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat hija maħsuba biex twaqqaf lill-intimati milli b'xi mod jittrasferixxu ġid f'Marsaxlokk li huma kienu wegħdu li jbiegħu lir-rikorrenti bis-saħħa ta' att ta' konvenju;

Tqis li f'Marzu, 2023, ir-rikorrenti fetħu kawża kontra l-intimati biex jitolbu lill-Qorti tordnalhom jersqu għall-kuntratt ta' bejgħ tal-ġid imwiegħed fil-konvenju;

[1] Paġ. 8 tal-atti
[2] Paġ. 19 tal-atti

Tqis li kemm mill-atti u kemm mis-sottomissjonijiet, il-partijiet ma fissrux lil din il-Qorti x'kien miftiehem fil-konvenju jew x'kienu u r-raġunijiet li wasslu biex kellha tinfetaħ l-imsemmija kawża;

Tqis li madwar tliet xhur wara li r-rikorrenti fetħu l-kawża għall-eżekuzzjoni tal-Mandat, fil-5 ta' Ġunju, 2023[3], ressqu talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħhom f'dik il-kawża. It-talba għall-Mandat kienet kelma b'kelma dik magħmula fir-Rikors li l-Qorti għandha quddiemha llum. Minn dawk l-atti joħroġ ukoll li l-ewwel rikors għall-ħruġ tal-Mandat kien ilu li nħalef mir-rikorrenti sa mill-24 ta' Mejju, 2023;

Tqis li r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni skond is-sura tiegħu "ġenerali" taħt l-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, biex it-talba tagħhom tista' tintlaqa' huma jridu jwettqu l-ġustifikazzjoni tat-talba tagħhom skond din l-għażla tagħhom u kulma titlob il-liġi fil-każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni u mhux kif huwa biżżejjed li jsir f'każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ taħt l-artikolu 874 tal-istess Kodiċi;

Tqis, madankollu, li għalkemm ir-rikorrenti nqdew b'din is-sura ta' Formola, xorta waħda hemżu mar-rikors l-abbozz tan-Nota ta' Insinwa li l-liġi titlobha meta t-talba għall-ħruġ tal-Mandat titressaq taħt il-Formola maħsuba għall-imsemmi artikolu 874;

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tagħhom bħala "kredituri" tal-intimati u lanqas ma huwa maħsub milli jżomm lis-sidien intimati mit-tgawdija tiegħu jew li jżommhom milli jużawh sakemm il-partijiet isibu tarf tal-kwestjonijijiet ta' bejniethom jew sakemm tingħata s-sentenza fil-kawża miftuħa mir-rikorrenti;

Tqis li f'dan ir-rigward, l-ilment tal-intimati dwar jekk huwiex sewwa li kreditur jitlob il-ħruġ ta' Mandat li jkun inċaħad qabel huwa f'postu u mistħoqq;

Tqis li, lil hinn minn kemm jista' jkollhom raġuni tajba r-rikorrenti fil-pretensjonijiet tagħhom kontra l-intimati, mhuwiex xieraq li kreditur jitħalla jressaq l-istess talba minkejja li talba jew talbiet bħal dawk ma jkunux intlaqgħu qabel. Dan jibqa' jgħodd, naturalment, sakemm il-kreditur ma jurix li kien hemm raġuni tajba u ċirkostanzi ġodda xierqa li juru li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor;

[3] Rik. Inib. 949/23ISB (dekretat fil-11.7.2023) f'paġġ. 11 – 18 tal-atti

Tqis li din hija t-tifsira xierqa tal-kelma u l-ispirtu tal-liġi, b'mod partikolari fejn jirrigwarda Mandati ta' Inibizzjoni, u jidher li, b'rabta ma' Mandati kawtelatorji, fil-liġi nsibu dispożizzjoni espressa f'dan id-dawl[4]. Il-Qorti tqis li, kieku ma tingħatax din it-tifsira, tinħalaq it-tentazzjoni li parti tibqa' tistad bl-istess talbiet quddiem l-istess Qorti, presjeduta kull darba minn ġudikant ieħor, sakemm, jew bit-tama li, fl-aħħar tiġiha tajba. Dan il-mod ta' kif isir *forum shopping* ma huwiex ta' min iħallih isir u wisq anqas jinkoraġġih;

Tqis li r-rikorrenti ma wrew bl-ebda mod li, minn Ġunju ta' din is-sena 'l hawn kien hemm xi bdil ta' ċirkostanzi li jwassal biex jiġġustifika li ssir l-istess talba għall-ħruġ tal-istess Mandat. Is-sottomissjoni tal-għaref difensur tagħhom li d-digriet taċ-ċaħda tal-ewwel talba tagħhom min-naħa tal-Qorti kien imsejjes fuq qari ħażin tal-atti bl-ebda mod jitqiesu bħala 'ċirkostanza ġdida' biex tiġġustifika t-tennija ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat issa minnhom mitlub;

Illi ladarba dan huwa l-każ fil-proċediment li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma hemmx għalfejn li tqis ukoll is-sottomissjonijiet l-oħrajn li ressqulha l-partijiet għall-kunsiderazzjonijiet tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** għall-ħruġ tal-Mandat minħabba l-irritwalità tagħha;

**Tħassar *contrario imperio***, għal kull bon fini, id-degriet tagħha tal-14 ta' Awwissu, 2023, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju; u

Tordna li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta, 12 ta' Settembru, 2023.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

---

[4] Ara art. 836(5) tal-Kap 12